MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 41/2021 LM

**Prabat Shrestha (Detentur tal-Passaport tan-Nepal numru 06996240)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati (l-Aġenzija Identity Malta), u Il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Prabat Shrestha** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tas-26 ta' April, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, wara li qies li

l-appell tar-rikorrent ġie intavolat *fuori termine.* Ir-rikorrent kien qiegħed jappella minn deċiżjoni tal-intimata **Aġenzija Identity Malta** [hawnhekk 'l-aġenzija appellata'] tat-22 ta' Settembru, 2020, li rrifjutat li ġġeddidlu l-permess ta' residenza sabiex ikun jista' jibqa' jgħix u jaħdem hawn Malta.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kellu permess ta' residenza sabiex jaħdem u jirrisjedi hawn Malta, iżda meta ġie biex iġedded dan il-permess ta' residenza, it-talba tiegħu ġiet miċħuda minn Identity Malta permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Settembru, 2020. Identity Malta infurmat lir-rikorrent li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata għaliex l-applikazzjoni tiegħu m'għaddietx mil-*Labour Market Testing* li sar minn Jobsplus, u għalhekk huwa ma kienx meqjus eliġibbli biex ikun jista' jingħata permess ta' residenza u/jew ta' xogħol. Ir-rikors tal-appell li intavola r-rikorrent quddiem il-Bord mill-imsemmija deċiżjoni, ġie miċħud għaliex ġie intavolat *fuori termine,* stante li laħqu għaddew it-tliet ijiem ta' xogħol minn dakinhar li Identity Malta tat d-deċiżjoni tagħha. Permezz ta' dan l-appell, ir-rikorrent qiegħed jappella minn din id-deċiżjoni tal-Bord.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent applika sabiex ikun jista' jġedded permess ta' residenza u ta' xogħol hawn Malta taħt is-*Single Permit Procedure.* Permezz ta' ittra tal-aġenzija Identity Malta, li ġġib id-data tat-22 ta' Settembru, 2020, l-applikazzjoni tar-rikorrent ma ġietx milqugħa għaliex *"[y]our application failed the Labour Market*

*Testing carried out by Jobsplus. Consequently, your application is not eligible to be considered for the granting of a work/residence permit."* Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, l-appellant spjega li din ma kinitx l-ewwel applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata permess ta' xogħol/residenza hawn Malta, għaliex huwa kien ilu impjegat ma' Staff Services Malta Limited għal diversi snin. Spjega li JobsPlus m'għamlet l-ebda talba lil Staff Services Malta Limited jew lilu sabiex jippreżentaw dokumentazzjoni addizzjonali li tkun turi li l-appellant jissodisfa xi rekwiżiti partikolari, u qal ukoll li Jobsplus naqset milli tinfurmah bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu, u għal liema raġuni ma kinitx għaddiet mil-*Labour Market Testing.* L-appellant qal li għalhekk huwa ma ngħatax smigħ xieraq għaliex ma ntalabx l-informazzjoni kollha pertinenti għall-każ tiegħu. Qal ukoll li l-prinċipju tal-*equality of arms* ma ġiex osservat. L-appellant spjega li bħala parti mil-*Labour Market Testing,* il-prinċipal huwa obbligat li jirreklama l-*vacancy* għax-xogħol tal-inqas darbtejn, fuq il-mezzi xierqa u mal-awtorità kompetenti rispettiva, u f'dan il-każ Staff Services Malta Limited irreklamat il-*vacancy* għal *chef* għal diversi drabi fuq mezzi differenti, bl-appellant japplika għal dan l-impjieg. L-appellant qal li kemm hu kif ukoll il-kumpanija li timpjegah, ssodisfaw ir-rekwiżiti imposti minn Jobsplus, u għalhekk id-deċiżjoni li ħadet Identity Malta meta din irrifjutat l-applikazzjoni tal-appellant abbażi tal-fatt li huwa m'għadhiex mil-*Labour Market Testing,* hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tal-ittra li huwa rċieva minn Identity Malta, li permezz tagħha huwa ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' April, 2021, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti, wara li kkonsidra li r-rikors tal-appell tiegħu huwa null, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. **Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 22nd September, 2020, Identity Malta Agency informed the appellant that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason:* "We regret to inform you that your application failed the Labour Market Testing carried out by Jobsplus. Consequently, your application is not eligible to be considered for the granting of a work/residence permit";

*Saw the appeal registered on 6th October, 2020; and*

*Saw that Identity Malta Agency filed no submissions.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art.3 (2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle audi alteram partem does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that this appeal was filed outside the time limit of three working days established by Article 25A(7) of the Immigration Act. After examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the*

*appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal.*

*Furthermore, although the appellant claimed that he had been served with the Agency's decision on 1st October, 2020, there is no actual evidence of this.*

*Consequently, the appeal is being declared null.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board declares the appeal null and declines to take further cognisance of the appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-5 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tilqa' l-aggravji tal-Appellant u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni appellata fil-konfront tal-Appellant datata 26 ta' April, 2021 u tordna lill-istess Bord jikkunsidra mill-ġdid it-talbiet tal-Appellant.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati."*

7. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex fil-fehma tiegħu l-Bord għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta qal li skont l-artikolu 25A (7) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, it-terminu li fih irid jiġi ppreżentat appell mid-deċiżjoni tal-Aġenzija huwa ta' tliet ijiem ta' xogħol minn meta tingħata d-deċiżjoni fil-konfront tal-appellant. L-appellant qal li biex wasal għal din il-konklużjoni, il-Bord ikkonsidra biss id-data meta ngħatat id-deċiżjoni fil-konfront tiegħu. Żied jgħid li t-terminu legali tal-appell jibda jiddekorri minn dakinhar li l-appellant sar jaf bid-deċiżjoni maħruġa fil-konfront tiegħu, u mhux

mid-data meta ġiet finalizzata d-deċiżjoni mill-aġenzija appellata. L-appellant qal ukoll li l-ittra li huwa rċieva li permezz tagħha ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda, kienet tispeċifika illi "*[t]he appeal must be submitted within three (3) working days from the date of receipt of this letter.*" L-appellant qal li bla dubju ta' xejn, il-Bord huwa konsapevoli tal-fatt li l-volum ta' xogħol tal-Aġenzija Identity Malta huwa wieħed voluminuż, u għalhekk il-korrispondenza mhux dejjem tintbagħat fil-pront. Qal ukoll li fl-aħħar xhur il-Bord beda jitlob li tiġi ppreżentata kopja tal-*envelope* li jirċievu l-appellanti sabiex ikun jista' jiġi deċiż din l-ittra meta ntbagħtet u ġiet riċevuta, u għalhekk il-Bord messu mexa bil-kejl tiegħu stess u talab verifika dwar meta saret in-notifika lill-appellant u mhux ċaħad l-appell b'mod arbitrarju, minkejja li l-appellant saħaq li huwa rċieva l-korrispondenza mingħand Identity Malta fl-1 ta' Ottubru, 2020.

8. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ħa l-liġi f'idejh u unilateralment iddeċieda li m'għandux jieħu konjizzjoni tal-appell tal-appellant bi ksur tal-prinċipji ta' imġiba amministrattiva tajba kif stipulat fl-artikolu 3 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal li f'dan il-każ l-Aġenzija Identity Malta m'għamlet l-ebda sottomissjoni biex tirrispondi għall-appell imressaq minnu u għalhekk ma setgħetx tqajjem l-eċċezzjoni li l-appell ġie intavolat *fuori termine.* Qal ukoll li huwa evidenti li l-eċċezzjoni tqajmet mill-Bord, li mar lil hinn mill-mandat tiegħu hekk kif l-artikolu 25A tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jistipula li r-rwol tal-Bord huwa li jisma' u jiddeċiedi appelli u mhux li jagħmel sottomissjonijiet huwa stess. Kompla jgħid li dan issarraf fi ksur tal-artikolu 3(2)(e) tal-Kap. 490, li jgħid li l-proċeduri quddiem il-

Bord għandhom ikunu bil-forma ta' parti kontra l-oħra, u li kull naħa għandu jkollha l-opportunità li targumenta l-pożizzjoni tagħha. Qal ukoll li l-Bord ma jistax jiskuża l-aġir tiegħu billi jgħid li mhux obbligat li jagħmel seduti u jista' jasal għall-konklużjonijiet tiegħu abbażi tas-sottomissjonijiet bil-miktub, u fl-istess waqt jgħid li l-Bord għandu jiddeċiedi x'għandu jsir fl-interess tal-ġustizzja. L-appellant qal li l-Bord kellu d-dmir jagħmel il-verifiki kollha neċessarji sabiex jevalwa l-pożizzjoni tal-appellant u mhux jieħu deċiżjonijiet arbitrarji, u b'hekk il-Bord mhux biss assuma rwol doppju ta' ġudikant u intimat, iżda wkoll naqas li jagħti l-opportunità lill-appellant biex jirribatti għall-eċċezzjoni mqajma b'mod abbużiv mill-Bord.

9. L-appellant qal li l-iskuża tal-Bord li l-appell mhux biss ġie intavolat tard, iżda anki li l-appellant ma ta l-ebda raġuni għalfejn ġara dan, hija waħda pwerili għaliex kien il-Bord li qajjem din l-eċċezzjoni, u l-appellant ma ngħatax l-opportunità jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu. L-appellant qal li dan in-nuqqas wassal biex ma ġiex osservat il-prinċipju *audi alteram partem*. Qal li kif jirriżulta mill-korrispondenza li ntbagħtet mill-istess Aġenzija, huwa ma ġiex notifikat direttament bid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta, għaliex din intbagħtet direttament fuq il-post tax-xogħol tal-appellant, bi ksur tar-Regola 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li tistipula li deċiżjoni bħal din trid tingħata bil-miktub lill-appellant. L-appellant qal li huwa safa ppreġudikat b'mod irrimedjabbli mill-Bord meta dan qabad u ddeċieda fuq l-appell intavolat minnu b'mod abbużiv, arbitrarju u unilaterali, mingħajr ebda konsiderazzjoni għall-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u tal-Kap. 490, mingħajr ma talab lill-appellant jipprovdi difiża għal din l-eċċezzjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. Fir-risposta tagħhom għall-appell tal-appellant, l-appellati eċċepew li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni mhuwiex leġittimu kontradittur għat-talbiet odjerni, għaliex persuna li tħossha aggravata b'deċiżjoni ta' enti ġudikanti għandha dritt tintavola appell kontra l-parti in kontradittorju u mhux kontra l-enti ġudikanti. Qal li għalhekk il-Bord għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-appellant.

11. L-appellati qalu li r-rikors tal-appell huwa bbażat fuq aggravju wieħed, u ċjoé jekk l-appell quddiem il-Bord kienx tardiv o meno, u dan għaliex skont l-appellant dan l-appell ġie intavolat entro t-terminu previst fl-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217. L-appellati qalu li d-deċiżjoni ta' Identity Malta għandha d-data tat-22 ta' Settembru, 2020, u l-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 jistipula li appell minn tali deċiżjoni għandu jiġi intavolat fi żmien tliet (3) ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għall-appell. L-appellati qalu li l-appellant stess ikkonċeda li huwa intavola l-appell fis-6 ta' Ottubru, 2020. L-appellati qalu li jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-kalendarju tal-2020, isib li l-ġranet tat-23 ta' Settembru, tal-24 ta' Settembru u tal-25 ta' Settembru, 2020 kienu ġranet ta' xogħol, u għalhekk ladarba jirriżulta li l-appell tal-appellant ġie ppreżentat quddiem il-Bord fis-6 ta' Ottubru, 2020, dan ifisser li dan kien pależament tardiv. L-appellati qalu li l-appellant ma ressaq l-ebda prova li huwa ġie notifikat fl-1 ta' Ottubru, 2020, u kien jinkombi fuqu l-oneru li jġib prova tanġibbli li huwa ma ġiex notifikat fid-data li ngħatat id-deċiżjoni.

12. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant li l-Bord qajjem xi eċċezzjoni minn jeddu jew għamel xi sottomissjoni meta rrileva li l-appell kien tardiv, l-appellati qalu li l-Bord ma qajjem l-ebda eċċezzjoni bħal din, iżda irrileva biss li t-tliet ijiem ta' xogħol mid-data tad-deċiżjoni kienu laħqu għaddew. L-appellati qalu li ladarba l-appellant naqas milli jġib prova tad-data meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Bord, minkejja li kellu ħmistax-il ġurnata biex jagħmel dan, il-Bord kellu jippresumi li d-data tad-deċiżjoni hija l-istess data meta ġiet ikkomunikata d-deċiżjoni tal-Bord lill-appellant. L-appellati qalu li l-Bord għandu dmir jiddeċiedi l-appelli quddiemu skont il-liġi u skont ir-regolamenti legali viġenti, u għalhekk m'hemm xejn sorprendenti li Bord jew Qorti jintebaħ li appell ġie mressaq tardivament *o meno.* L-appellati qalu li l-aggravju tal-appellant mhux mistħoqq u għandu jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Qabel tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-appellati, li dan l-appell ma kellux isir kontra l-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, għaliex il-Bord kien l-enti ġudikanti li ħa d-deċiżjoni dwar l-appell li sar mill-appellant, u ma kienx parti f'dawk il-proċeduri. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrivolvi madwar deċiżjoni li ttieħdet mill-Aġenzija Identity Malta li ma tilqgħax it-talba tal-appellant għal tiġdid tal-permess ta' residenza li huwa kellu, u għalhekk tolqot lill-appellant bħala l-persuna kkonċernata u affettwata bid-deċiżjoni, u lid-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati in rappeżentanza tal-entità li ħadet id-deċiżjoni li ġiet appellata. Il-Bord għalhekk mhuwiex leġittimu kontradittur

f'dawn il-proċeduri, bl-istess mod kif Tribunal jew Qorti fl-ewwel istanza qatt ma jkunu ċċitati bħala partijiet fi proċeduri tal-appell.

*L-ewwel aggravju:* *[interpretazzjoni ħażina tal-liġi mill-Bord]*

14. L-appellant isostni li l-Bord għamel interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta ddeċieda li skont l-artikolu 25A (7) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, it-terminu li fih għandu jiġi ppreżentat appell kontra deċiżjoni tal-aġenzija appellata huwa dak ta' tliet ijiem tax-xogħol minn meta tkun ingħatat id-deċiżjoni fil-konfront tal-appellant. L-appellant isostni li t-terminu legali tal-appell jibda jiddekorri minn dakinhar li l-apellant sar jaf bid-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu, u mhux mid-data minn meta ġiet finalizzata d-deċiżjoni mill-aġenzija appellata. L-appellant għamel riferiment għat-test tal-ittra li ntbagħtet lilu, fejn intqal li l-appell irid jiġi sottomess fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-data minn meta l-appellant jirċievi l-ittra bid-deċiżjoni tal-Aġenzija. L-appellant żied jgħid li huwa ma ntalab iressaq l-ebda prova, bħall-envelopp li huwa rċieva bid-deċiżjoni, sabiex jiġi stabbilit b'ċertezza meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-aġenzija appellata, u għalhekk il-Bord ħa d-deċiżjoni tiegħu b'mod arbitrarju.

15. L-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 jistipula illi:

> "Kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għall-appell."

Il-Qorti tagħmel riferiment għal deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Carolina del Valle *vs.* L-Aġenzija Identity Malta (Central Visa Unit) et**[1], fejn iddikjarat li s-subartikolu in kwistjoni jistipula b'mod ċar li t-terminu tal-appell huwa ta' tliet ijiem tax-xogħol, li għandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar tad-deċiżjoni stess. Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti spjegat li ladarba t-terminoloġija wżata hija waħda li ma tħalli ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tagħha, u ladarba huwa prinċipju rassodat li fejn il-liġi hija ċara, m'għandu jkun hemm lok għall-ebda interpretazzjoni, id-deċiżjoni appellata hija waħda korretta, u l-appellant mhux korrett li jargumenta li t-terminu għandu jiddekorri mod ieħor.

16. Il-Qorti tirrileva li l-Bord huwa marbut b'terminu li fih irid jagħti d-deċiżjoni tiegħu, u persuna li tkun qiegħda tistenna li tingħata deċiżjoni bħal din fil-konfront tagħha għandha tiżgura li tivverifika jekk id-deċiżjoni tkunx ingħatat, partikolarment f'każ bħal dan fejn it-terminu tal-appell huwa daqstant qasir. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-Bord għamel sottomissjonijiet hu minflok iddeċieda l-appell li kellu quddiemu]*

17. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex il-Bord għamel is-sottomissjonijiet tiegħu, billi l-Aġenzija Identity Malta ma rrispondietx għall-appell imressaq minnu quddiem il-Bord, u għalhekk l-eċċezzjoni li l-appell kien *fuori termine* ma setgħetx titqajjem minnha. Il-Qorti tirrileva, kif spjegat diġà, li

[1] 06.10.2021.

d-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet wara li kkonsidra dak li tgħid il-liġi, li ma tħalli lok għal ebda interpretazzjoni. Hawn il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Cefai Maurice *vs.* Fenech Doris**[2], fejn ġie enfasizzat l-konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku fil-liġijiet ta' proċedura:

> "Huwa paċifiku illi l-liġijiet ta' proċedura "*si debbono osservare alla lettera e non per equipollens."* (Vol. XVIII p.I p.879) Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u kwantu statwita mil-liġi li ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata għandha tiġi mill-Qorti osservata *ex officio."* (Vol. XXXVI p.I p. 204; Vol. XLIV p.I p. 421).
>
> Dan iġib bħala konsegwenza illi t-termini proċedurali għal proponiment tal-appell għandu jiġi osservat strettament u *ad unguem.* Din mhix kwistjoni ta' formaliżmu iżda ta' miżura ta' dixxiplina proċesswali li mill-osservanza tagħha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu."

Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-26 ta' April, 2021 fl-intier tagħha.**

**Spejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

[2] 22.11.2002.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**